# KUNSILL LOKALI MTARFA

## IL-ĦAMES LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
## LAQGĦA NUMRU 32 – IT-TNEJN 30 TA' NOVEMBRU 2011

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fit-8:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Anthony Mifsud | Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Viċi Sindku |
| | Helen Maria Bugeja | Kunsillier |
| | Anatole Scerri Diacono | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat : | Antoine Vella | Kunsillier |

Kien hemm tliet persuni jattendu għall-maġġorparti tal-laqgħa.

Is-SE infurmat li l-Kunsillier Vella kien jinsab marid u għaldaqstant ma setgħax jattendi.

### 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 31

1.1 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Scerri Diacono dwar jekk l-ikla tal-kommunità kellhiex issir nhar is-16 jew 17 ta' Diċembru, ġie kkonfermat li d-deċiżjoni kienet għas-17 iżda wara li s-Sindku kien ikkomunika permezz tal-*email* u t-*telephone* mal-kunsilliera u s-SE, kellu jdawwar il-ġurnata għaliex ma setgħax isib post.

1.2 Fuq proposta tal-Viċi Sindku kien hemm qbil li f'para. 9.1 l-aħħar sentenza tkompli 'minħabba x-xogħol tal-Viċi Sindku u l-Kunsillier Vella'.

1.3 Fuq proposta tal-Kunsillier Scerri Diacono kien hemm qbil li f'para 8.11, l-aħħar sentenza tkompli 'bl-ikel inkluż'.

1.4 Il-minuti ġew approvati fuq proposta tal-Kunsillier Scerri Diacono u ssekondandata mis-Sindku.

1.5 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv (SE).

### 2. PUNTI MILL-MINUTI

2.1 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Scerri Diacono fir-rigward ta' para. 6.4 dwar kemm ġie jiswa t-tiżjin tal-Milied, is-SE infurmat li l-armar u ż-żarmar biċ-*cherrypicker* mill-ħaddiema tal-Kunsill kif ukoll ix-xogħlijiet tal-kuntrattur privat sabiex iqabbad il-mejns kien se jiswa ftit inqas minn €3000.

2.2 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Scerri Diacono dwar jekk kinitx instabet l-applikazzjoni tar-restawr tat-Torri tal-Arloġġ, is-SE infurmat li kienet talbet kopja tagħha lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali sabiex tkun tista' tibda taħdem fuqha.

2.3 Il-Kunsilliera Bugeja ġibdet l-attenzjoni li l-laqgħa qed tibda fit-8:30pm meta l-liġi tispeċifika li din suppost tibda bejn il-5:30pm u s-7:30pm. Hija ġiet infurmata li l-laqgħa tibda tard minħabba x-xogħol tal-Viċi Sindku u tal-Kunsillier Vella iżda

ladarba mhux komdu għaliha, kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss kienet se tibda fis-7:30pm.

2.4 Minħabba li l-*Accountant* tal-Kunsill kien għadu ma wasalx kien hemm qbil li tinbidel l-ordni tal-aġenda billi l-approvazzjoni tar-rapport finanzjarju taqa' għal aktar lura.

## 3. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

3.1 Kien hemm talba biex Dalton's Garage jiġu mwissija biex ikunu aktar regolari u fil-ħin meta jibgħatu l-kontijiet tagħhom.

3.2 Is-SE infurmat li skont l-aħħar kwotazzjonijiet li sabet ta' JM Installations, jidher li l-prezzijiet kienu niżlu u għaldaqstant kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jmexxi biċ-ċekkijiet li nżammew fis-seduta li għaddiet. Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Scerri Diacono għaliex għadu qed jibdel iċ-*chokes*, is-SE infurmat li s-Sur Micallef kien spjega li biex ma jibdilx triq sħiħa għal *bozoz energy saving* meta tmur bozza waħda fit-triq, huwa ġeneralment jirriċikla l-bozoz minn triq għal triq sabiex ikun hemm uniformità u sabiex iżomm l-ispejjeż tal-kunsill minimi. Il-Kunsill iżda ma qabilx ma dan u insista li m'għandhomx jinxtraw aktar *chokes* u fejn hemm *replacement* jew ħsara l-bozoz iduru kollha għal dawl *energy saving*.

3.3 Is-SE spjegat li kienet kellmet lis-Sur Raymond Borg dwar il-ħajt ta' Triq Sir Leslie Rundle fejn kienet sabet xi ritratti tax-xogħlijiet. Sal-ġurnata iżda ma kienx għadu kellimha lura bi spjegazzjoni. Kien hemm qbil li għandha tintbagħat kommunikazzjoni bil-miktub.

3.4 Is-SE ġibdet l-attenzjoni li s-Sur Micallef ta' JM Installations kien għaddielha 3 globi mkissrin li probabbilment tkissru minnn xi tfal li jkunu qed jilgħabu bil-ballun fil-pjazzetta ta' wara l-Kunsill. Kien hemm qbil li għandhom jitpoġġew sinjali ta' *No Balls/Skates/Bicycles/Pets* madwar il-pjazza sabiex jiġi evitat aktar vandaliżmu.

3.5 Għall-mistoqsija tal-kunsillier Scerri Diacono dwar kont mingħand Mifsud & Sons, is-SE infurmat li dak kien kont għall-manutenzjoni tat-tiżjin dekorattiv tal-Milied.

3.6 Għall-mistoqsija tal-kunsillier Scerri Diacono dwar il-kont tar-reċta tal-Għid, is-SE infurmat li l-kuntrattur kien infurmaha li l-ftehim miegħu kien għal sagħtejn xogħol iżda hu kien dam ħames sigħat kif ukoll tliet sigħat oħra biex għamel l-*editing*. Kien hemm qbil li dan il-pagament għandu jinżamm temporanjament.

3.7 Minħabba li l-*accountant* tal-Kunsill kien reġa' mhux jgħaddi x-xogħol fil-ħin kien hemm qbil li l-pagament tiegħu għandu jinżamm sakemm ikun lesta kollox.

3.8 Il-lista tal-pagamenti ġiet approvata u ffirmata.

3.9 <u>Tiżjin tad-Dawl tal-Milied:</u> Is-SE infurmat li wara li tpoġġa avviż għal kwotazzjonijiet fuq il-gazzetta hekk kif mitlub mil-liġi, kien applika biss kuntrattur wieħed b'offerta ta' €2400. Wara diskussjoni ma' dan il-kuntrattur il-Kunsill qabel li għandu jaċċetta l-offerta tiegħu bi skont addizzjonali ta' €100 għal total ta' €2300.

3.10 <u>Servizz ta' Perit għall-Proġett tal-Awtorità tad-Djar:</u> Is-SE infurmat li kien tpoġġa avviż għal kwotazzjonijiet fejn tefgħu l-offerta tagħhom żewġ periti: Wieħed kien għal somma totali ta' €2999 filwaqt li l-offerta l-oħra kienet għal €2100 għall-ewwel 80 siegħa u mbagħad bit-€30 u €35 fis-siegħa għal xogħlijiet diversi ta' perizja. Minħabba li l-Kunsill kien qed jassumi li x-xogħol se jieħu wisq aktar minn 80 siegħa b'kollox u li għaldaqstant tista' tinqabeż is-somma ta' €2999, kien hemm qbil li għandha tiġi aċċettata l-offerta tal-Perit Darmanin.

3.11 Hawnhekk il-Kunsill waqqaf il-laqgħa temporanjament sabiex jiltaqa' mas-Sur Bryden Azzopardi, wieħed mill-offerenti tas-servizz tal-knis, wara li kien avża li ma

setax jattendi għall-appuntament oriġinali. Il-ħin kien id-9:35pm. Il-laqgħa tkompliet fl-10pm.

3.12 Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li jinbidel l-andament tal-aġenda u jiġi diskuss l-aġġudikazzjoni tal-offerta tas-servizz tal-knis.

## 4. AĠĠUDIKAZZJONI OFFERTA MTFLC/T/01/11 STREET CLEANING

4.1 Wara li l-Bord kien iltaqa' mal-offerenti kollha, kien hemm qbil li ma setax jaċċetta l-aktar offerta rħisa minħabba li kienu qed jippjanaw li jaħdmu fuq bażi ta' darbtejn fil-ġimgħa meta l-offerta kienet tispeċifika li x-xogħol għandu jsir fuq bażi ta' sitt ijiem b'kull triq titnaddaf darbtejn fil-ġimgħa. Għaldaqstant kien qed jiġi rrakkomandat l-offerent ta' warajh, is-Sur Bryden Azzopardi.

4.2 Il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-Bord u għaldaqstant intagħżel is-Sur Bryden Azzopardi għaliex jissodisfa r-rekwiżiti kollha tal-Kunsill u huwa t-tieni l-irħas offerent.

## 5. KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

5.1 Is-SE infurmat li kienet attendiet laqgħa dwar l-iMtarfa Christmas Market (MCM). Hija infurmat li kien se jkun hemm parteċipazzjoni ta' 72 *stalls* u jidher li l-preparazzjonijiet mexjin sewwa. Hija infurmat ukoll li l-President ta' Malta u l-Kap tal-Oppożizzjoni kienu infurmaw li ma setgħux jattendu għall-attività.

5.2 Is-Sindku informa li kien attenda għal-laqgħa dwar l-MCM fejn attendew numru ta' entitajiet oħra lokali u kien hemm qbil li għandha ssir purċissjoni bil-Bambin mill-Imdina għar-Rabat lejn l-Imtarfa. Huwa informa li t-trasport kien se jiġi sponsorjat mill-kumpanija Paramount. Is-Sindku informa wkoll li kienet se tiġi kostruwita grotta għall-presepju fil-viċinanzi tal-*playing field.*

5.3 Is-Sindku informa li wieħed mir-residenti fi Triq Sir Leslie Rundle kien qed jesperjenza ħsara minn xi siġar li jmissu mal-proprjetà li joqgħod fiha. Hawnhekk is-Sindku ġab il-permess tal-kunsill sabiex jitlob lir-resident li kien preżenti biex jispjega s-sitwazzjoni. Ir-resident ġie mitlub jgħaddi lill-Kunsill kopji tal-ittri mingħand id-Dipartiment tal-Agrikoltura, il-MEPA kif ukoll mingħand l-Awtorità tad-Djar dwar din il-kwistjoni.

5.4 Hawnhekk il-Kunsilliera Bugeja skużat ruħha mil-laqgħa. Il-ħin kien l-10:35pm.

5.5 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni sabiex is-Sapport Resource Centre tal-Imtarfa jagħmel użu mis-sala l-kbira sabiex isir festin żgħir għall-ġenituri tal-klijenti tagħhom.

5.6 Is-SE ressqet ittra mingħand is-Sinj. Cachia Fearne f'isem l-iMtarfa Primary Health sabiex tinstab soluzzjoni għall-pustiera minħabba li qed issib diffikultà biex twassal l-ittri sal-kaxxa tal-ittri tagħhom. Hija talbet ukoll li jitpoġġew sinjali li juru direzzjoni għall-klinika. Il-Kunsill qabel li l-pustiera tista' tgħaddi min-naħa ta' wara tal-klinika sakemm tasal biss ftit metri bogħod mill-kaxxa tal-ittri tagħhom. Is-SE ġiet infurmata wkoll li t-talba dwar is-sinjali kienet tressqet xi xhur qabel fi żmien l-Aġent SE ta' qabilha u għaldaqstant għandha tara d-deċiżjoni li kienet ittieħdet fil-minuti ta' dak iż-żmien.

5.7 Għat-talba tal-istess klinika sabiex ikun hemm parkeġġ riservat għall-konsulent bejn it-Tnejn u s-Sibt bejn is-7am u s-2pm, il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni. Se tintbagħat talba lil TM dwar din it-talba. Kien hemm qbil li għandu jiġi propost il-parkeġġ biswit il-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabbilità li jinsab bejn il-klinika u Binja Santa Luċija.

5.8 Is-SE infurmat li kellha talba mingħand l-iMtarfa FC Youth Nursery sabiex il-Kunsill jagħti ktieb u *dvd* dwar l-Imtarfa lit-tfal kollha li se jipparteċipaw fit-

*tournament* li se jsir waqt l-iMtarfa Christmas Market. Kien hemm qbil li l-Kunsill kien lest jagħti ktieb u *dvd* lil kull tim, jiġifieri massimu ta' tnax b'kollox.

5.9 Il-MEPA kienet infurmat lill-Kunsill li wieħed minn 30 tifel li kien qed jipparteċipa f'kompetizzjoni tat-tpinġija bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-Jum Dinji għall-Ambjent kien tifel mill-iMtarfa bl-isem ta' Gianluca Pisani.

5.10 Is-SE ressqet rapport li għadda l-*electrician* tal-Kunsill dwar xogħol ħażin li sar mill-kuntrattur li ħadem id-dwal tal-milied tas-sena li għaddiet u li allegatament sal-ġurnata għadu qed jirriżulta fi ħsarat.

5.11 Is-SE infurmat li l-koordinatriċi tal-kampanja 34U kienet talbet lill-Kunsill sabiex jidentifika siti fil-lokalità fejn jaħseb li setgħu jiġu mħawla xi siġar. Il-Kunsill qabel li għandhom jinżergħu siġar fejn insterqu s-siġar taż-żebbuġ (ħdejn tal-Karnival) kif ukoll fil-Ġnien tas-Sinjura.

5.12 Is-SE infurmat li l-Kunsill kien irċieva memo mingħand id-Direttur b'direzzjoni lill-Kunsilli biex ma jinħarġux permessi u ma jsirux xogħlijiet bejn is-6:30am u d-9:30am f'dawk it-toroq li minnhom jgħaddi t-trasport pubbliku b'mod speċjali.

5.13 Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-IPSL kienet qed tilqa' proġetti żgħar ta' xogħol li ma jistgħux isiru bil-ħaddiema tal-Kunsill u għaldaqstant il-Kunsill ikun qed jiffranka l-ispejjeż tax-xogħol (*labour*) u jħallas biss għall-materjal.

5.14 Is-SE infurmat li l-Kap tal-Iskola Primarja kienet qed tistieden lill-Kunsill biex jinawgura funtana żgħira li taħdem bl-enerġija solari u li l-Kunsill kien qabel li jħallas is-somma ta' €150 b'deċiżjoni meħuda waqt seduta numru 26. Is-Sindku kien se jitlob lill-Onorevoli Said biex jattendi għal din l-inawgurazzjoni minħabba li kien se jkun qiegħed fl-Imtarfa fil-ġurnata.

5.15 Is-SE infurmat li residenta li toqgħod fi Triq is-27 ta' April kienet qalgħet *bollard* li kien hemm fil-bidu tat-triq mingħajr il-permess tal-Kunsill u għaldaqstant talbet direzzjoni jekk għandux jitwaħħal lura jew le. Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsilliera kollha kellhom imorru jaraw is-sitwazzjoni u tittieħed deċiżjoni fil-laqgħa li jmiss.

## 6. KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

6.1 Is-Sindku informa li kien attenda għal laqgħa mal-Awtorità tad-Djar flimkien mal-Viċi Sindku u l-eks Aġent SE. Huwa informa li ġiet riżolta l-problema tal-*Club House* bejn l-Awtorità, Depiro u l-iMtarfa FC. Huwa informa wkoll li kien ressaq ilment f'isem ir-residenti ta' Binja Santa Luċija A u B sabiex ikun hemm aċċess ta' emerġenza iżda s-CEO kien informa li dan ma kienx possibbli. Is-Sindku kien semma wkoll il-problema ta' garaxxijiet u nuqqas ta' dawl fil-parkeġġ ta' Binja Qlejgħa. Is-CEO kien intalab ukoll jgħaddi €11650 li kienu għadhom pendenti lill-Kunsill wara li kien tlesta l-proġett tal-Ġnien tas-Sinjura. Fl-aħħarnett intalab ukoll li jsir dawl fil-passaġġi komuni f'Binja Msieraħ kif ukoll biex l-Awtorità trodd 400 siġra biex jitħawlu wara li kienu nqalgħu għadd ta' siġar endemiċi sabiex ittellgħet din il-Binja. Problema oħra li ġiet diskussa kienet il-kamra tal-Periti fejn il-Kunsill ġie akkużat li qed jokkupaha bla permess. Il-Kunsill kien bagħat ittra uffiċjali lill-Awtorità fejn ġiet spjegata s-sitwazzjoni kif ukoll biex jgħaddu din il-kamra lill-Kunsill sabiex tkun ta' użu għall-kommunità.

6.2 Is-Sindku informa li nhar il-Ġimgħa 16 ta' Diċembru kienet se tinżamm konferenza stampa mill-Onor. Dott. Chris Said quddiem il-bandli tal-iMtarfa sabiex iħabbar li dan il-proġett kien se jinbeda b'kollaborazzjoni bejn is-Segretarjat Parlamentari għall-Konsumaturi, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika li kienu se jħallsu għall-materjal kif ukoll tal-Ministeru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali li kienu se jipprovdu x-xogħol kollu bla ħlas.

6.3 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li l-Maratona ta' Malta 2012 tgħaddi minn Triq il-Maltin Internati u Eżiljati (min-Nigret lejn Ta' Qali) nhar is-26 ta' Frar 2012. Ġie kkonfermat li l-aċċess għall- u mill-Imtarfa mhux se jkun affetwat.

6.4 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li tintuża Triq il-Maltin Internati u Eżiljati sabiex tittella' l-Maratona ta' Birkirkara St Joseph nhar it-Tlieta 13 ta' Diċembru 2011. Ġie kkonfermat li l-aċċess għall- u mill-Imtarfa mhux se jkun affetwat.

6.5 Is-Sindku informa li kien irċieva ittra ta' ringrazzjament mingħand l-organizzaturi tal-iMdina Grand Prix 2011. Huma infurmaw ukoll li d-dati għas-sena d-dieħla kienu se jkunu bejn il-11 u l-14 ta' Ottubru. Wara li kien hemm oġġezzjoni mill-Viċi Sindku, kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jiddiskuti l-attività tas-sena d-dieħla mal-organizzaturi sabiex ikun hemm l-inqas inkonvenjenza possibbli għar-residenti Mtarfin.

6.6 Hawnhekk is-SE infurmat li kienu nqabżu t-tliet sigħat mill-bidu tal-laqgħa (għalkemm kien hemm żewġ episodji ta' waqfien waqt l-istess laqgħa). Il-Kunsill qabel li għandu jkompli.

6.7 Is-Sindku informa li kien irċieva korrispondenza minn post jismu Otricoli fl-Italja fejn xtaqu jibdew proċess ta' ġemellaġġ. Kien hemm qbil li għalkemm m'hemmx il-ħsieb li jinbeda l-proċess fil-viċin minħabba kwistjoni ta' finanzi, il-Kunsill xorta waħda kien se jinfurmahom li seta' jkun hemm interess 'il quddiem.

6.8 Fuq proposta tas-Sindku kien hemm qbil li għandha tinġab banda mill-i*scouts* taż-Żurrieq sabiex iddoqq mal-lokalità. Is-SE talbet lill-Kunsill biex jikkunsidra din id-deċiżjoni. Il-Kunsill iżda qabel li din il-banda għandha tkun parti mill-kalendarju tal-attivitajiet tal-lokalità. Il-banda se tiswa €250.

6.9 Is-Sindku informa li l-Kumitati Reġjonali dalwaqt se jieħdu d-devoluzzjoni tad-dwal tat-toroq. Hawnhekk kien hemm qbil li l-Kunsill għandu japplika għal *meter* tad-dawl sabiex jagħmel dawl mal-monument li hemm fi Triq San David.

6.10 Il-Kunsill qabel li għandu jistampa fuljett bil-kalendarju tal-Milied tal-entitajiet, b'4 paġni tal-kulur għall-prezz ta' madwar €250 sabiex jitqassam mal-lokalità kollha. Is-SE ġibdet l-attenzjoni li bl-istampar u t-tqassim dan il-fuljett kien se jiswa madwar €300. Min-naħa l-oħra iżda l-Kunsill qabel li l-Kunsill għandu jgħaddi messaġġ tal-Milied lir-residenti.

## 7 PUNTI OHRA

7.1 Il-Kunsillier Scerri Diacono informa li l-*Youth Worker* tal-Kunsill Lokali Żgħażagħ kienet infurmatu li membri tal-Baden Powell Scouts kienu insistew magħhom li joħorġu mill-kamra mislufa lilhom waqt laqgħa li kellhom.

7.2 Il-Kunsillier Scerri Diacono ta dettalji tal-attivitajiet tat-tfal li kien qed jorganizza għal żmien il-Milied.

7.3 Il-Kunsillier Scerri Diacono preżenta ċekk ta' €70 għall-użu tal-*PA System* tal-Kunsill mingħand il-Union of Cabin Crew li kienu wżawh matul dik il-ġimgħa.

7.4 Il-Kunsillier Scerri Diacono wera d-diżappunt tiegħu dwar il-fatt li l-Kunsillier Vella kien poġġa mal-grupp tal-Iscouts minflok mal-membri tal-Kunsill waqt stedina uffiċjali li nżammet fis-Sala tal-Kappillan.

7.5 Il-Viċi Sindku informa li matul dak ix-xahar il-ħaddiema tal-IPSL kienu ramaw id-dekorazzjonijiet tal-Milied madwar il-lokalità, sar tindif ta' numru ta' spralli, kif ukoll inbeda xogħol ta' manutenzjoni fuq iċ-ċentru ċiviku.

**8 APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT FINANZJARJU (*FINANCIAL STATEMENTS*)**

8.1 Is-Sindku talab lill-*accountant* tal-kunsill, is-Sur Patrick Caruana, sabiex jagħti spjegazzjoni tar-rapport finanzjarju. Is-sur Caruana informa li l-Kunsill kien nefaq ammont akbar milli daħħal għalkemm xorta waħda kien se jagħlaq is-sena b'bilanċ pożittiv.

8.2 Wara li ta spjegazzjoni aktar fid-dettall u ċċara xi mistoqsijiet mal-Kunsill, is-Sur Caruana għadda r-rapport finanzjarju biex jiġi approvat b'numru żgħir ta' emendi li għamel dak il-ħin stess.

8.3 Ir-rapport finanzjarju, kopja tiegħu mehmuża, ġie approvat nem con.

**9. GHELUQ IL-LAQGĦA**

9.1 Il-laqgħa, li kienet tinkludi diversi inerruzzjonijiet ma' persuni diversi, spiċċat f'12 :00am. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 28 ta' Diċembru fis-7.30pm.

**Josette Micallef**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Anthony Mifsud**
**Sindku**